MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2015

Numru. 86/2015

**Il-Pulizija**

**[Spettur Anna Maria Xuereb]**

**vs**

**Simon Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Simon Caruana detentur tal-karta tal-identita` numru 124381(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Dicembru, 2014:

1. Mexxa biljeti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' valuta' EURO, meta kien jaf li huma falsifikati;
2. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus ta' valuta' EURO, meta kien jaf li l-istess huma ffalsifikati;
3. U aktar talli fl-istess xahar u cioe' Dicembru 2014, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera' haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' mhux aktar minn hames mitt euro (€500) ghad-dannu ta' **Keith Calleja u l-hanut Perfumes & More**, li jinsab sitwat il-Hamrun;
4. U aktar talli fl-istess xahar u cioe' Dicembru 2014, f'dawn il-Gzejjer, bi hsara ta' haddiehor u cioe' ta' **Keith Calleja u l-hanut Perfumes & More**, li jinsab sitwat il-Hamrun, ghamel qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Biss, jekk, filwaqt tal-procedimenti kriminali, il-Qorti tqis htiega li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta' Malta, u ghandha, jekk u skont ma jista' jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf

milli tordna l-qerda taghhom u tghadd ibiex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 50(4) tal-Kapitlu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba wkoll tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/I ghal hals ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija netta.

Rat l-ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, fi stadju bikri tal-proceduri.

Ratti illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni tant illi ghen b'mod dirett li jinqabdu l-persuni li minnhom originaw il-flus foloz u ghalhekk ghandu jibbenefika mill-provedimenti tal-Artikolu 21 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310(1)(c) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 45 u 46 tal-Kapitlu 204 tal-Ligijiet ta' Malta, qed

issib lill-imputat, Simon Caruana, hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 Kapitlu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 50(4) Kapitolu 204 din il-Qorti tornda il-konfiska tal-flus foloz esebiti in atti u dawn ghandhom jigu kkonsenjati lill-Bank Centrali ghall-investigazzjoni taghhom.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------